Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 34/2010

**Victor Camilleri u Victoria camilleri**

**Vs**

**Anthony Camilleri**

Permezz ta’ din il-kawza li giet prezentata fl-14 ta’ April 2010 l-atturi qeghdin jitolbu li l-qorti tordna l-bejgh b’licitazzjoni tal-fond numru sitta u sebghin (76), Triq il-Knisja, Xaghra, Ghawdex u l-prezz jinqasam fil-kwota ta’ hdax il-parti minn tnax (11/12) ghall-attur u parti minn tnax (1/12) ghall-konvenut.

Il-konvenut wiegeb li permezz ta’ risposta guramentata li giet prezentata fis-27 ta’ April 2010 (fol. 27)[1]:-

[1] Permezz ta’ l-ewwel eccezzjoni l-konvenut iddikjara li l-gudizzju m’huwiex integru ghaliex mart l-attur suppost hi parti fil-kawza. B’digriet li nghata fil-11 ta’ Mejju 2010 il-qorti ordnat li ssir korrezzjoni billi wara isem l-attur jizdied isem martu.

a. M'huwiex qieghed jopponi li ssir il-licitazzjoni tal-fond.
b. Jaqbel mal-kwoti li gew indikati mill-atturi.
c. L-istima tal-fond tista' ssir minn perit li jigi nkarigat mill-attur, diment li l-istima tkun wahda ragonevoli.

Fid-9 ta' Gunju 2010 sar access fil-fond 76, Triq il-Knisja, Xaghra, Ghawdex u li ghalih attendew il-perit Karm Farrugia u kien qieghed jassisti lill-atturi, u l-perit Victor Bigeni li kien qieghed jassisti lill-konvenut. Il-fond jista' jigi deskritt bhala *sub-standard*. Filwaqt li l-perit Farrugia ghamel stima ta' tnejn u erbghin elf ewro (€42,000), il-perit Bigeni ghamel stima ta' sitta u erbghin elf hames mija u sebgha u tmenin ewro (€46,587).

Il-partijiet jaqblu:-

i. Dwar il-kwota li kull parti ghandha fil-fond.
ii. Li l-fond m'huwiex kommodament divizibbli.
iii. Li ghandu jsir il-bejgh b'licitazzjoni.

Gialadarba hemm dan il-qbil bejn il-partijiet, il-qorti m'hijiex tal-fehma li ghandha minn jeddha toqghod tidhol fi kwistjonijiet legali li jista' jkun hemm fir-rigward tat-talbiet kif proposti mill-atturi.

Fil-fehma tal-qorti dan il-kaz seta' facilment gie rizolt billi l-atturi jhallsu lill-konvenut is-somma ta' €3,882 bhala sehemu[2]. Madankollu, l-Artikolu 515 tal-Kodici Civili jipprovdi:-

*"(1) Meta l-beni in komun ma jistghux jigu maqsuma bla xkiel u bla hsara, u ma tistax issir tpattija b'beni ohra in komun ta' xorta differenti izda ta' l-istess valur, dawk il-beni jigu mibjugha b'licitazzjoni sabiex jinqasam il-prezz taghhom."*.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda:-**

[2] Kalkolat fuq l-istima ta' €46,587.

**1. Tilqa' t-talba tal-atturi u tiddikjara li l-fond 76, Triq il-Knisja, Xaghra, Ghawdex m'huwiex kommodament divizibbli.**

**2. Tordna l-bejgh b'licitazzjoni tal-fond li ghandu jsir fit-2 ta' Awwissu 2010 fl-10.00am fil-bini tal-Qorti, Pjazza Katidral, Rabat, Ghawdex. Ghal finijiet ta' valur dan ghandu jsir fuq l-istima ta' sitta u erbghin elf hames mija u sebgha u tmenin ewro (€46,587).**

**3. Tilqa' t-talba li l-bejgh ikun miftuh ghall-barranin.**

**4. Tordna li r-rikavat jinqasam in kwantu ghal 11/12 lill-atturi u 1/12 lill-konvenut.**

**Spejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet mehud ukoll in konsiderazzjoni li l-attur inghata l-beneficcju ghall-ghajnuna legali, b'dan li l-qorti qeghda tordna li l-ispejjez involuti sabiex ikun jista' jsir il-bejgh b'licitazzjoni ghandhom jinqasmu bejn il-partijiet skond is-sehem li kull wiehed minnhom ghandu fil-fond.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------